MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2009

Numru. 521/2009

Il-Pulizija
(Sp Carlo Ellul)
vs
James Cristina, iben Louis, imwieled Pieta’ fid-19 ta’ Mejju, 1978

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fid-29 ta’ Marzu, 2009 għal ħabta tat-3.40 a.m. bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, cioe’ attentat ta’ serq aggravate bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema valur ma jeċċedix l-€23.29 u dan għad-dannu ta’ Edgar Apap;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi għamel attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza, jew b’ħebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, fuq il-persuna ta’ WPS215 V. Farrugia u PC1354 C. Coppola, persuni

nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kkaġuna feriti ħfief salv kumplikazzjonijiet fuq il-persuna ta' WPS215 V. Farrugia u PC1354 C. Coppola, kif iċċertifika t-Tobba Dr. S. Falzon M.D. u Dr. J. Zammit M.D. ta' l-Isptar Mater Dei.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(f)(g), 270, 271(g), 281(a), 96, 221(1) u 222(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Rat il-fedina penali u l-ammissjoni bikrija. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------